MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 230/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Falzon**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Falzon talli fil-15 ta’ Novembru 2007 ghall-habta tal-12.15hrs gewwa l-kamra tan-nar ta’ Santa Katerina fil-limiti taz-Zurrieq, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Alfred Cassar u Nazzareno Barbara miz-Zurrieq.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba li tissospendi jew tirrevoka l-licenzja relattiva ta’ l-imsemmi Vincent Falzon ghal perijodu ta’ zmien li jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Vincent Falzon hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda limitatament in kwantu din hija riferibblli ghall-mewt ta' Nazzareno Barbara u kkundannatu multa ta' sebat elef ewro (€7,000.00). Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef u sitta u hamsin ewro u disgha u tletin centezmi (€3,056.39) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Vincent Falzon pprezentat fit-23 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni limitatament in kwantu din hi riferibbli ghall-mewt ta' Nazzareno Barbara u konsegwentement tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi u (b) tikkonfermaha fil-bqija. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, thassar is-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sejbien ta' htija tieghu hi *unsafe and unsatisfactory*; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, hemm fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju, li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti sabet illi huwa naqas li jhares ir-regolamenti meta huwa ppermetta li fil-kumpless jidhol Nazzareno Barbara u kien minhabba dan in-nuqqas li kellu jirrispondi ghall-mewt ta' l-istess Barbara. Issa, l-appellant jghid illi huwa dejjem sostna illi

Barbara kien acceda fil-post ad insaputa tieghu. Skond l-appellant, trid issir distinzjoni bejn il-kumpless fit-totalita` tieghu minn naha l-wahda u min-naha l-ohra l-kmamar individwali li fihom isir ix-xoghol. Dan qed jinghad, jghid l-appellant, ghaliex l-ewwel Qorti qalet li "… meta taccedi fil-fabbrika trid tkun akkompanjata minn persuna li jkollha licenzja 'A'". Dan ifisser, jispjega l-appellant, li l-fabbriika tirrapprezenta l-kumpless kollu filwaqt li huma l-kmamar individwali li fihom isir ix-xoghol fejn Nazzareno Barbara ma kellux jidhol.

**7.** L-appellant ikompli jghid li mhuwiex kontestat li Nazzareno Barbara ma kellux licenzja biex jimmanifattura jew jghin fix-xoghol tan-nar, izda meta kien jaccedi fil-kumpless kien ikun hemm skond ir-regolamenti u kien imur hemm biss u esklussivament biex jara ghandhomx bzonn xi haga, u mhux biex b'xi mod jinvolvi ruhu f'dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol tan-nar fis-sens wiesa' tieghu. L-appellant jissottometti ulterjorment:

"Illi mid-depozizzjoni ta' P.S. 386 Joe Cauchi li tinsab a folios 21 sa 23 wiehed ma jistax jasal legittimament ghall-konkluzjoni li l-esponent qal li kien li waqt li Alfred Cassar kien qed jahdem in-nar, hdejh, mieghu fil-kamra, kien hemm Nazzareno Barbara. Meta wiehed jara l-okkorrenza ta' l-istess surgent li tinsab a folio 26 tal-atti jsib li dan kiteb li l-esponent, fuq il-post wara l-incident, qallu li gol-kamra kien hemm certu Nazzareno Barbara u Alfred Casar.

"Illi bir-rispett, dawn il-kliem kif miktuba mis-surgent ma jistghux jigu ekwiparati, kif jidher li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, mal-allegat fatt li l-esponent kien jaf, qabel ma sehhet l-ispluzjoni, li Barbara kien fil-kamra ma' Cassar. Dan hu l-qofol tal-kaz odjern.

"Meta allegatament l-esponent qal dak id-diskors kif rapportat fl-okkorrenza, kien effettivament qed jiddikjara stat ta' fatt kif hu qed jarah wara li sehhet l-ispluzjoni. Huwa naturali li l-esponent, wara li sehhet l-ispluzjoni, u qed jigi mitkellem miss-urgent, ghandu jidentifika l-persuni midruba. Dak li xehed is-surgent u dak li kiteb fl-

okkorrenza jammontaw ghall-identifikazzjoni tal-persuni midruba *sic et simpliciter*.

“Mela allura meta wiehed janalizza mil-lenti legali, il-verzjoni tal-esponent (minnufih wara l-incident u kif baqa' jsostni matul il-kaz kollu) li qed jghid li Nazzareno Barbara dahal ad insaputa tieghu, u dak li tnizzel fl-okkorrenza mis-surgent u d-depozizzjoni tieghu, jikkonkludi umilment illi l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Onorabbli Qorti, li l-esponent kien jaf li Nazzareno Barbara kien fil-kamra ma' Alfred Cassar, ma kinitx issegwi legalment u ragjonevolment minn tali rizultanzi.

“Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi in lineja generali, ir-rizultanzi processwali, fil-parametri kif ristretti mill-ewwel Onorabbli Qorti, huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, u konsegwentement bir-rispett l-esponent m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta u minnha ghandu jigi liberat skond il-ligi.”

**8.** Din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant kien jaf li Nazzareno Barbara kien acceda fil-kumpless, u dan ghax, skond hi, jirrizulta mix-xiehda ta' P.S. 386 u mill-okkorrenza minnu esebita. Il-parti relevanti ta' l-okkorrenza (Dok. JC1 a fol. 25 – 27 tal-process) tghid testwalment hekk: *“Mitkellem mill-Pulizija Vince Falzon I.D.:249466M li huwa licensee tal-kamra tan-nar, stqarr li gol-kamra kien hemm certu Nazzareno Barbara I.D.:308945M u certu Alfred Cassar I.D.:161961M”*. Mehuda wahedha din is-sentenza setghet regjonevolment giet interpretata mill-ewwel Qorti bhala li l-appellant kien jaf li kien hemm dawk iz-zewg persuni fil-kamra li taret u li ghalhekk seta' jaghti dik l-informazzjoni lill-Pulizija. Izda meta P.S. 386 Joe Cauchi kien qieghed jixhed, in kontro-ezami sarulu dawn il-mistoqsijiet:

*“Difiza: Ara nghidlek sew illi fil-fatt l-imputat li qallek mhux li Barbara jew Cassar kienu f'dik il-kamra, izda li qallek illi hu ma kienx jaf li kienu hemmhekk. Ara jistax ikun li qallek hekk. U forsi kien haddiehor li qallek xi diskors iehor.*

*"Xhud: Bil-beneficcju tad-dubju, jista' jkun. Bil-beneficcju tad-dubju, pero` meta tkellimna jigifieri jekk mhux mill-ewwel, ftit wara kkonferma li kienu zewg persuni li kienu l-persuni ndikati fir-rapport.*

*"Difiza: Illi dawk il-persuni li kienu ndikati fir-rapport kienu huma.*

*"Xhud: Iva."*

Hawnhekk, kif issottomettiet id-difiza, jinholoq dubju jekk meta l-appellant kellem lil P.S. 386 kienx qieghed jindikalu z-zewg persuni msemmija ghax kien jaf illi kienu jinsabu flimkien f'dik il-kamra jew biss, kif donnhom jindikaw l-ahhar twegibiet tax-xhud, ghax kien qieghed jidentifika min kienu l-vittmi. Dan id-dubju gie sahansitra espress mill-abbli prosekutur waqt is-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti.

**9.** L-ewwel Qorti, pero`, marret oltre. Hija qalet illi "ma jidhrilhiex" li tista' temmen lill-appellant li ma kienx jaf li Nazzareno Barbara kien dahal gewwa l-kumpless dakinhar. Skond l-ewwel Qorti, meta l-appellant xehed quddiem l-espert, "ghalkemm huwa qal li ma kienx jaf li Barbara kien wasal fuq il-post, l-imputat kien qal ukoll li dan (Barbara) kien abitwalment jitla' l-kamra tan-nar izda biss sabiex jara ghandhomx bzonn xi haga. F'dak l-istadju l-imputat ghazel li ma jipprecizax li Barbara ma kienx jaccedi fil-kumpless izda qal biss li huwa ma kienx jaghmel xoghol ta' nar meta jmur fil-kumpless."

**10.** Issa, meta l-appellant xehed quddiem l-espert il-Kaptan Jeffrey Curmi, huwa spjega x-xoghol li ghamel dakinhar meta mar fil-kumpless tal-kamra tan-nar Santa Katerina sakemm wasal Alfred Cassar ghall-habta tad-9.00 a.m. Qal li dan Alfred Cassar mar fil-kamra fejn aktar tard sehh l-incident biex jimla l-beraq filwaqt illi hu (l-appellant) mar fil-kmamar ta' gewwa jkompli xoghlu. Imbaghad ikompli jghid: *"Waqt li kont hemm gew wasal Zaren Barbara. Jien ma kontx naf bil-wasla tieghu ghax hdejja ma giex, pero` apparentement mar hdejn Fredu.*

*Zaren mhux haddiem tal-loghob tan-nar u m'ghandux licenzja mill-Pulizija. Normalment Zaren jigi fil-kamra biex jara kemm ikollna bzonn takki u jitlaq."*

**11.** Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti huwa zied jghid li l-kamra fejn mar jahdem kienet xi mija u ghaxar metri boghod minn fejn sehh l-incident. Imbaghad dwar Nazzareno Barbara jghid: *"Zaren ma kienx jahdem nar, ghalkemm kien dilettant u kien jaghmlilna certu xoghol li ma jsirx fil-kamra tan-nar. Ix-xoghol tal-kartun u hu gieli kien jitla' biex isaqsina ghandniex bzonn jew kemm ghandna bzonn minn dak li nordnalu. Issa jiena dejjem nghidlu u nghid lill-ohrajn ukoll li jkunu qed jahdmu fuq barra biex min ma jkollux licenzja, ma jidholx. Jghajtu lili u jiena nitla' jew inkellmu. Inkellmu barra jigifieri. Ma jidholx."* L-appellant ikkonferma li dakinhar ma kienx jaf li Nazzareno Barbara kien dahal u li rah biss wara l-incident. Qal ukoll illi dak li kien saqsieh P.S. 386 Cauchi kien kemm hemm nies feruti u hu (l-appellant) wiegbu li kien hemm tnejn. Skond l-appellant dan id-diskors sar barra.

**12.** Jidher illi l-ewwel Qorti ma qisitx verosimili illi Nazzareno Barbara ma kienx jidhol fil-kumpless tal-kamra tan-nar imsemmija u li l-appellant ma kienx jaf li dan Nazzareno Barbara kien jidhol. Izda l-ewwel Qorti jidher li skartat provi ohrajn li, almenu fuq bilanc ta' probabbilta`, jidhru li jissostanzjaw il-verzjoni ta' l-appellant.

**13.** L-ewwelnett qed issir referenza ghar-rapport ta' l-espert **Kaptan Jeffrey Curmi** li jikkummenta hekk dwar il-fabbrika tan-nar in kwistjoni: *"Il-fabbrika tan-nar kienet tidher mizmuma bil-ghaqal, u setghu jigu nnotati diversi punti pozittivi li jitfghu hjiel li l-licensee u n-nies ta' mieghu kienu jirsistu u jaghmlu l-almu taghhom biex jevitaw incidenti. L-indafa u l-organizzazzjoni huma ezempji ta' dan."*

**14.** Hemm imbaghad ix-xiehda ta' **Josef Mangion**, wiehed mill-persuni li kien jahdem in-nar, u li ddeskriva lill-appellant bhala persuna ta' dixxiplina kbira. Dan ix-xhud jghid: *"Kulhadd kien ikun jaf x'inhu jaghmel u hekk ghax*

*kien josserva lil kulhadd, idur fuq kulhadd. Kellu dixxiplina kbira u kulhadd kien jibza' naqra minnu xi ftit jew wisq."* Lil Nazzareno Barbara qatt ma rah gol-post tan-nar. Kien jipprepara t-takki u skratac il-kazin, imbaghad kien jikkuntattja lill-appellant u jtellaghhomlu sax-xatba. **Alan Hayman**, li huwa pulizija u li hu wkoll jahdem in-nar, xebbah lill-appellant ma' munita b'zewg ucuh *"ghax meta konna nkunu mix-xatba 'l gewwa fuq il-post tan-nar kien ikun mod, u barra kien ikun mod iehor. Qed nghid hekk, ghaliex meta kien ikun barra kien ikun ta' kumpanija, tifrah mieghu, tiehu pjacir, biss meta konna nkunu l-post tan-nar nghidlu jien, ix-xatba 'l gewwa tibda tghid 'dan l-istess bniedem li kont mieghu l-bierah jien?' Ghax kien ta' dixxiplina jigifieri, stramb, jahtfek ma' l-inqas haga."* Ix-xhud qal li qatt ma ra nies li ma kellhomx licenzja jduru fil-kumpless. Lil Nazzareno Barbara qatt ma rah hemm izda kien jiltaqa' mieghu l-kazin fejn isir ix-xoghol ta' kartun u tqattiegh ta' takki. Meta kien ikun hemm xi konsenja, ez. ta' takki, huwa kien jara lil-licensee personalment imur jigborhom minn fejn ix-xatba. Minn dawn ix-xhieda jirrizulta wkoll illi d-dhul ghall-kumpless huwa minn xatba li tinfetah bic-cavetta u li terga' tinghalaq wara li l-persuni licenzjati jkunu dahlu gewwa.

**15.** Evidentement dawn iz-zewg xhieda ma kinux fil-kamra tan-nar meta sehh l-incident in kwistjoni u, kuntrarjament ghal dak li huma kienu esperjenzaw meta kienu prezenti, Nazzareno Barbara kien gewwa dakinhar u fil-fatt tilef hajtu. Izda anke kieku kellu jigi accettat li kien hemm okkazjonijiet precedenti fejn Nazzareno Barbara dahal fil-kumpless bil-kunsens ta' l-appellant, ma jfissirx illi fil-gurnata ta' l-incident l-appellant kien necessarjament jaf li Barbara kien dahal. L-abbli prosekutur jghid *"li wiehed ikollu konsapevolezza precedenti minhabba certu habit ta' dak illi jkun tista tigi nferita, dik iva, pero` li wiehed jikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi dakinhar kien hemm din il-konsapevolezza cara minn qabel hemm hekk iva jkolli nghid illi hawn hekk hawn dak id-dubju."* U din il-Qorti jkollha tistqarr fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha – ix-xiehda ta' P.S. 386 Cauchi, ic-cahda ta' l-appellant li kien jaf bil-prezenza ta' Nazzareno Barbara fil-post, ix-xiehda ta' Josef Mangion u

ta' Alan Hayman dwar il-mod kif kien jahdem l-appellant u r-rapport ta' l-espert Kaptan Jeffrey Curmi dwar il-mod kif kienet mizmuma l-fabbrika tan-nar – jibqaghlha dak li Lord Widgery CJ fil-kaz ta' *Cooper* [1969] 1 QB 267 jirreferi ghaliha bhala *"lurking doubt"* dwar kemm l-appellant kien verament jaf li Nazzareno Barbara kien fil-post dakinhar ta' l-incident. Ghalhekk ikollha tiddikjara *"unsafe and unsatisfactory"* is-sejbien ta' htija kriminali tieghu in kwantu din tirrigwarda l-mewt ta' Nazzareno Barbara.

**16.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata thassarha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni limitatament in kwantu din hi riferibbli ghall-mewt ta' Nazzareno Barbara u konsegwentement tiddikjarah mhux hati u tilliberah minnha; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu multa ta' sebat elef ewro (€7,000.00) u in kwantu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef u sitta u hamsin ewro u disgha u tletin centezmi (€3,056.39) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz; u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------